**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Alfrida Borg *et*

*versus*

Carmen Camilleri *et*

**Smigħ Xieraq - Avviż ta' - Mozzjoni ta' - Indikazzjoni fi - Proċedura Sommarja Speċjali - Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili**

*Ġiet deċiża kawża kontra l-konvenut appellant bil-proċedura speċjali sommarja.*

*Huwa risaput li ebda awla fil-Qrati Superjuri ma hija indikata bl-ittra X. Konsegwentement, għalkemm ġie indikat isem il-ġudikant, xorta waħda jirrizulta li l-indikazzjoni ta' l-awla fejn suppost kellhom jidhru l-konvenuti kienet waħda manifestament żbaljata*

*għaliex ineżistenti. Dan id-difett ta' forma fl-avviż għas-smigħ tal-kawża jasumi gravità akbar trattandosi ta' proċedura speċjali a tenur ta' l-artikolu 167* et sequitur *tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fejn il-proċedura tista', fil-każi kongruwi, titmexxa bid-dispensa tas-smigh normali tal-kawża - kif effettivament gara f'dan il-każ. Illi għalhekk, ma jistax jingħad li l-konvenuti ingħatalhom smigh xieraq għaliex it-tagħrif fil-mozzjoni surreferita kien żbaljat u dan l-iżball kien bizzejjed biex jirrendi l-proċedura kollh relattiva nulla u bla effett legali.*

*Il-Qorti ta' l-Appell għalhekk annullat is-sentenza appellata u rrimettiet l-atti lura lill-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Mejju, 1998, li tgħid hekk:

"Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha, wara li ppremettew:

Li l-konvenuta hija vera ċerta u likwida debitriċi a favur ta' l-atturi fis-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) ammont ta' self somministrati mill-attriċi lill-konvenuta;

Li Anthony Camilleri huwa r-raġel tal-konvenuta u kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu l-konvenuta;

Li, għalkemm interpellati biex iħallsu, huma baqgħu inadempjenti;

Fil-fehma ta' l-atturi, il-konvenuti ma għandhomx

eċċezzjonijiet x'jagħtu għat-talbiet attriċi kif jirriżulta mill-anness affidavit ai termini ta' l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbu li għalhekk il-konvenuti jgħidu għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

Tiddeċidi l-kawża bid-dispensa *mis-smigħ* ai termini ta' l-artikolu 167 - 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tikkundanna *lill-konvenuti jħallsu* lill-atturi s-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) ammont ta' flus mislufa mill-atturi lill-konvenuta;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali *sad-data tal-*pagament effettiv kontra l-konvenuti mil-lum inġunti għas-subizzjoni;

*Rat* l-affidavit ta' l-atturi u d-dokumenti l-oħra;

Rat li l-konvenuti debitament notifikati *fiż-żmien preskritt* mil-liġi baqgħu kontumaċi u fis-seduta tal-lum imsejħin tliet *darbiet lanqas ma dehru;*

Peress li, fiċ-ċirkostanzi, it-talba kif dedotta fiċ-ċitazzjoni *tidher ġustifikata u jidher ukoll li hemm lok li* s-sentenza tingħata llum stess, bid-dispensa *tas-smigħ* tal-kawża, skond il-proċedura ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, kif dedotta fiċ-ċitazzjoni u hekk tikkundanna lill-konvenuti *jħallsu lill-atturi* s-

somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) dovuta kif ingħad, bl-imgħax legali mid-data taċ-ċitazzjoni u bl-ispejjeż kontra l-konvenuti";

Il-konvenuti ntavolaw appell fuq l-aggravji segwenti:

"Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda prinċipju fundamentali tal-liġi li huwa sagru fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja skond il-Kodiċi *ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili* tal-Liġijiet ta' Malta, u ċjoè, li l-ġustizzja mhux biss trid issir imma trid tidher li qiegħda ssir, u f'dan il-każ flagrantement ma saritx ġustizzja, għax mhux billi wieħed jadotta *l-proċedura sommarja magħrufa* bħala tal-giljottina u jinnotifika lill-konvenuti f'dan il-każ lejliet is-smigħ ta' l-ewwel dehra quddiem il-Qorti, il-Qorti tkun presjeduta minn min tkun. *Illi* saret inġustizzja *kbira, billi l-*Ewwel Qorti, kif ippresjeduta, ipposponiet il-kawża kif tant u *tant jiġri f'diversi kawżi* simili, ngħidu aħna sal-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.), allura forsi l-Ewwel Qorti kienet tkun ġustifikata u tgħaddi għas-sentenza, imma l-konvenuti appellanti kienu fl-edifiċċju tal-*Qorti*, u fid-disgħa u għoxrin ta' filgħodu (9.20 a.m.) kienu deħlin fl-awla ma' l-avukat tal-fiduċja tagħhom Dr. Emmy D. Bezzina, meta diġà kien hemm *verbal quddiem id-Deputata Reġistratur, is-Sinjorina Rita* Saliba, li l-kawża kienet issejħet u reġgħet issejħet u ngħatat deċiżjoni. Illi meta l-ewwel aggravju jikkonċerna li f'dan il-każ il-ġustizzja kif ġiet amministrata ma dehritx li qiegħda ssir, u dana meta kien hemm raġuni valida għala l-konvenut appellanti ma kinux fl-awla fid-disgħa ta' filgħodu (9.00 a.m.) eżatt, imma daħlu fl-awla għoxrin (20) minuta wara. Li allura jwassalha għat-tieni aggravju;

Illi t-tieni aggravju huwa rigward l-awla fejn kellha *tinstema' l-udjenza* in partikolari, u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, kif jirriżulta manifestament mill-anness dokument dok CC1,

jindika biċ-ċar illi nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 1996, il-konvenuti appellanti u kellhom *imorru f'Awla X fid-disgħa ta'* filgħodu (9.00 a.m.) u l-konvenuti appellanti ppruvaw isibu fejn fil-kuriduri tal-Qorti kien hemm Awla X, liema awla ma teżistix, *u kien proprju* għall-ħabta tad-disgħa u kwart (9.15 a.m.) li ġew wiċċ imb'wiċċ ma' l-avukat tal-fiduċja tagħhom Dr. Emmy Bezzina li ndikalhom illi l-awla ta' l-Onorevoli Frank G. Camilleri ma kinitx l-Awla X imma l-Awla numru 5, imma l-konvenuti appellanti, *ta' nies* li mhumiex midħla tal-Qorti, wieġbu illi la huma kellhom indikat Awla X huma kienu qegħdin ifittxu Awla X u ma setgħu *qatt ifittxu* Awla numru 5 meta d-direzzjoni uffiċjali tagħhom kellha tkun għall-Awla X u kwindi kien għalhekk li fid-disgħa u għoxrin *(9.20 a.m.) huma* daħlu fl-awla ta' l-Onorevoli Frank G. Camilleri u sabu li l-kawża kienet diġà ġiet deċiża. *Illi meta dana huwa t-tieni* aggravju, illi huwa d-dover tad-Direttur Ġenerali tal-Qrati tal-Ġustizzja *li jindika b'mod preċiż fejn il-kawża tkun sejra tinstema'* u li fin-nuqqas ta' dan m'għandhomx jeħlu u jbatu b'konsegwenza ta' negliġenza jew ineffiċjenza l-partijiet involuti kif sfortunatament ma kkunsidratx l-Ewwel Qorti meta qabdet u bi vjolazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja, skond kif imħaddna fil-proċedura *u fil-liġijiet* ta' Malta, tat sentenza sfavorevoli kontra l-istess konvenuti appellanti;

It-tielet aggravju jikkonċerna lill-konvenuta appellanti Carmen Camilleri, u *fejn ex admissis* l-atturi kkonfermaw *illi* kienet Alfrida Borg li allegatament selfet somma ta' flus lil Carmen Camilleri, li allura hemm ammissjoni illi Alfrida Borg ma kellhiex il-kunsens ta' żewġha Anthony Borg meta, jekk huwa l-każ, selfet din is-somma flus lil Carmen Camilleri u lanqas Carmen Camilleri *ma* kellha l-kunsens ta' żewġha li tista' tissellef dak l-ammont ta' flus. Illi jekk Alfrida Borg u Anthony Borg, għall-grazzja ta' l-argument, qablu illi jintavolaw din il-kawża flimkien, billi l-ġurament ħaditu Alfrida Borg u anke l-affidavit għamlitu Alfrida Borg, wieħed *ma jista'*

*qatt ikun żgur għajr billi jisma'* xhieda *ta'* Anthony *Borg*, *imma* kjarament *li tagħmel* kawża kontra Carmen Camilleri u żewġha Anthony Camilleri u li xi ħadd jippretendi li għax tintavola kawża b'dan il-mod, allura *illi* Anthony *Camilleri* ġġibu qisu hu kien ta l-kunsens li l-mara tiegħu vera tissellef dawna l-flus (li ma kienx il-każ);

Illi l-atturi appellati fl-ebda mument ma ndikaw illi l-konvenuta jew il-konvenuti appellanti ġew *interpellati* biex iħallsu, anzi referenza li huma għamlu għall-ittra uffiċjali li *allegatament* bagħtu *lanqas biss* kellhom *id-diċenza li jindikaw* id-data ta' l-istess *ittra ġudizzjarja* u għalhekk dan huwa nuqqas ieħor ta' l-Ewwel Qorti illi qabdet u għaddiet għas-sentenza, mingħajr ma tagħmel verifiki *preliminari u bażilari* biex tabilħaqq il-ġustizzja kienet tidher li qiegħda ssir;

Illi l-ħames aggravju jirrigwarda l-*argument* legalment *monk* da parti ta' l-atturi appellati li fil-fehma tagħhom il-*konvenuti appellanti ma kellhomx eċċezzjonijiet x'jagtu għat*-talbiet attriċi, *meta ma saret* ebda verifika mill-Qorti jekk fil-fatt il-konvenuti appellanti kellhomx dawn l-eċċezzjonijiet x'jagħtu;

*Illi s-sitt* aggravju jirriżulta min-nuqqas kbir ukoll ta' l-Ewwel Qorti li lanqas biss ma talbet lill-atturi jitilgħu fuq *il*-pedina quddiemha biex jikkonfermaw bil-ġurament li vera Carmen Camilleri u żewġha Anthony Camilleri kellhom jagħtuhom dawna l-erbat elef lira Maltija (Lm4,000). *Imma* l-Ewwel Qorti qabdet u mill-ewwel iddeċidiet il-kawża mingħajr ma tat lanqas possibbiltà li f'xi ħin opportun waqt dik *l*-udjenza titfaċċa Carmen *Camilleri u* żewġha Anthony Camilleri u b'hekk saret inġustizzja kbira u kjarament każ illi għandu jiġi appellat;

Illi s-seba' aggravju huwa illi l-Ewwel Qorti ma ndagatx li

ma kienx qiegħed isir abbuż mill-amministrazzjoni tal-ġustizzja *da parti ta' l-atturi u fil-fatt dina l-Qorti ta' l-Appell sejra tiġi* ndikata ittra li ġġib id-data tas-16 ta' Ottubru, 1995, hawn immarkata bħala dokument Dok. CC2, mibgħuta mill-Avukat Joseph P. Bonici lill-Avukat Dr. Raphael Fenech Adami, u fejn *tissemma' illi hemm ammont dovut minn Carmen Camilleri lil* Alfrida Borg, l-ammont ta' sebat elef, mija u ħamsa u disgħin lira Maltija (Lm7,195.00,0) u minn fejn allura jirriżulta ċar illi fl-ebda mument ma kien hemm l-irġiel rispettivi ta' Carmen *Camilleri u Alfrida Borg imdaħħlin fin-nofs, u fit-tieni lok* m'hemm ebda spjegazzjoni ta' kif dawn l-ammonti kienu dovuti u allura kif issir kawża li minn ammont ta' sebat elef, mija u ħamsa u disgħin lira Maltija (Lm7,195) f'daqqa waħda jiġi ndikat ammont ferm inferjuri ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) biss, anke jekk dana l-ammont huwa wieħed sostanzjali għal konjuġi appellanti konvenuti Camilleri u dana jindika illi fil-meritu mhu veru xejn li kien jaf jekk kienx hemm xi pendenzi għaddejjin bejn Carmen Camilleri u Alfrida Borg, *żewġ Carmen Camilleri*, Anthony Camilleri u li fit-tieni *lok* Carmen Camilleri qiegħda tiċħad bl-iktar mod kategoriku li hija kienet isselfet mingħand Alfrida Borg jew kellha tagħti lil Alfrida Borg is-somma ta' erbat elef lira Maltija (Lm4,000) li *grazzi* għan-nuqqas ta' l-Ewwel Qorti, lanqas fuq dan il-punt ma saret ebda forma ta' verifika u kwindi l-konkużjoni *perversa*, bir-rispett kollu, da parti ta' l-Ewwel Qorti li tagħti sentenza fejn kjarament sar att ta' nġustizzja kbira mal-konvenuti *appellanti li* dawna determinati li jikkonfrontawha b'kull mezz legali possibbli fil-pajjiż tagħna jew barra mill-pajjiż *tagħna*";

Għaldaqstant, l-appellanti konvenuti talbu lil dina l-Qorti ta' l-Appell sabiex fl-ewwel lok tiġi annullata s-sentenza mogħtija nhar l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 1996, Ċitazzjoni numru 1752/96 FGC fl-ismijiet **Alfrida Borg u żewġha Anthony Borg bħala komparteċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u bejn martu għal kull interess li jista' jkollu** *vs*

**Carmen Camilleri u żewġha Anthony Camilleri bħala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejnu u martu għal kull interess li jista' jkollu**, u dana billi l-post indikat fl-avviż uffiċjali li l-konvenuti appellanti biex huma *jmorru ħalli jiddefendu l-allegazzjoni kontra tagħhom, kien lok* ineżistenti fil-bini tal-Qorti, u dana billi ma teżisti fil-bini tal-Qorti ebda awla mmarkata X u għalhekk sakemm il-konvenuti appellanti ġew indikati l-proprju awla li fiha kien sejjer jinstema' l-każ tagħhom, meta huma daħlu huma sabu li effettivament il-kawża ġà kienet ġiet deċiża, skond kif aktar 'il fuq imfisser f'dana r-rikors ta' l-appell;

Illi fit-tieni lok, l-esponenti konvenuti appellanti qegħdin jitolbu biex dina l-Qorti ta' l-Appell terġa' tirrimanda l-atti kollha ta' din il-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fejn il-konvenuti appellanti jingħataw żmien adegwat biex iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom skond il-liġi u biex b'hekk *ikunu jistgħu jindikaw skond il-liġi lil* Alfrida Borg u żewġha bl-ebda mod ma huma ntitolati għal xi ammont ta' flus li allegatament Alfrida Borg selfet lil Carmen Camilleri mingħajr ma Carmen Camilleri kienet la ottjeniet xi kunsens minn żewġha, apparti mill-fatt li fil-meritu l-istess Carmen Camilleri ma sselfet ebda ammonti ta' flus mill-istess Alfrida Borg, kif jista' jiġi faċilment ippruvat;

Illi fit-tielet lok, il-konvenuti appellanti qegħdin jitolbu lil dina l-Qorti ta' l-Appell, sabiex *fl-eventwalità li dina l-Qorti ta'* l-Appell tħoss li m'għandhiex tirrimanda l-atti ta' din il-kawża lura quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, allura dina l-istess Qorti ta' l-Appell tagħti kull opportunità, kif għandha s-setgħa li tagħmel, *lill-konvenuti appellanti* sabiex dawn iressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom skond il-liġi u prova oħra biex ma jħallu ebda dubbju lil dina l-Qorti ta' l-Appell illi Carmen Camilleri la qatt isselfet ebda ammont ta' erbat elef lira Maltija (Lm4000) minn Alfrida Borg, u li żewġha Anthony Camilleri qatt bl-ebda

mod ma ta xi *kunsens biex isir dana s-self*, u dana biex jiġi salvagwardat il-prinċipju sagru li l-ġustizzja mhux biss trid issir imma tidher li qiegħda ssir;

*Illi, fir-raba' lok*, il-konvenuti appellanti qegħdin umilment jitlobu lil dina l-Qorti ta' l-Appell sabiex jekk jidhrilha xieraq u opportun tagħti kwalsiasi provvediment li tara li fiċ-ċirkostanzi għandu jingħata biex tkun tista' ssir verifika proprju jekk hux minnu li l-atturi appellati kellhom jieħdu dawn l-allegati erbat elef lira Maltija (Lm4000), u jekk hux aktar simili li l-konvenuti appellanti la qatt isselfu, la qatt taw il-kunsens u bl-ebda mod m'għandhom jagħtu tali somma lill-istess atturi appellati;

Bl-ispejjeż kontra l-appellati;

L-atturi appellati wieġbu:

"Illi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Mejju, 1996, hija ġusta u timmerita konferma;

Illi l-allegazzjonijiet tal-konvenuti appellanti huma kollha frivoli u vessatorji;

Illi hekk kien bi ħsiebhom jikkontestaw it-talbiet attriċi, messhom inkarigaw lil xi konsulent legali ta' fiduċja tagħhom sabiex jiggwidahom u mhux iħallu proprju għal ġurnata ta' l-appuntament biex ifittxu avukat. Ġà kellhom avukat qabel l-odjern;

Illi huwa kien insaput illi l-kawżi bil-giljottina jissejħu fid-9.00 a.m. għal kullħadd u mhux kif jippretendu l-appellanti li l-kawża tagħhom tissejjaħ fil-1.00 a.m. a kumdità u konvenjenza

tagħhom u ta' l-avukat ukoll;

Illi kif huwa ben risaput inoltre, il-kawżi fis-Superjur jimxu skond l-Imħallef u mhux bl-awla. Din mhux kawża kriminali iżda ta' natura ċivili. L-awla hija rrilevanti, aktar u aktar meta numru ta' Mħallfin jinqdew bl-istess awla;

Fil-każ odjern, l-Onorevoli Mħallef Frank G. Camilleri dejjem jaħdem fl-istess awla, allura ma jistax li xi nies konvenjentement jitfixklu appuntament;

Illi donnu jidher fl-ewwel aggravju illi sia l-appellanti u sia l-konsulent legali tagħhom qed jippretendu u jesiġu trattament speċjali u differenti minn klijenti u avukati oħra. Il-ħin tal-kawża kien fid-9.00 a.m. u ssejħet darbtejn u mhux darba;

Illi t-tieni aggravju ma jreġix. Kif ġà ngħad, il-Qrati Superjuri jimxu skond l-Onorevoli Mħallef sedenti, u hekk huma indikati. Difatti fuq l-avviż tal-prim'appuntament dejjem jitniżżel l-isem ta' l-Imħallef. Bħala awla, ġie indikat *X*, jiġifieri bla numru;

Illi t-tielet aggravju jikkonċerna l-mertu *proprio* tal-kawża, u ma għandux jifforma parti minn dan l-appell. Din kwistjoni ta' prova li messha nġabet quddiem l-Ewwel Qorti stante li l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell hija Qorti ta' doppio esame mhux prim'istanza;

Illi r-raba' aggravju huwa ukoll ta' materja ta' prova li ma għandux jifforma parti minn dan l-appell. Però l-konvenuti huma diżonesti għall-aħħar stante l-korrispondenza li ġiet skambjata u l-ittri nterpellatorji li ntbagħtu;

Illi l-ħames aggravju huwa ta' l-istess natura. Il-meritu ma għandux *jiġi diskuss f'dan l-istadju;*

Illi s-sitt aggravju huwa sempliċi ripetizzjoni ta' qablu;

Illi s-seba' aggravju juri biċ-ċar għalkemm jifforma parti mill-mertu u għandu wkoll jiġi skartat, id-diżonestà tal-konvenuti appellanti. Ma jistgħux jgħidu li qatt ma ġew *interpellati għall-ħlas. Il-kawża saret għall-ammont* anqas peress illi d-differenza kienet għada ma ġietx fl-istadju li kienet dovuta. Id-differenza tkun mertu ta' kawża oħra;

Għaldaqstant l-appellati talbu illi dina l-Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet tal-konvenuti appellanti billi tiċħad l-appell propost mill-istess konvenuti appellanti u tikkonferma s-sentenza *mogħtija mill-Ewwel Qorti ddatata 29 ta' Mejju, 1996,* bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dana l-appell il-Qorti sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Qabel xejn din *il-Qorti tħossha fid-dmir li tiddeplora ċertu* lingwaġġ, ċerti termini u sfumaturi li ġew adoperati mill-appellant fir-rikors ta' l-appell tiegħu li mhux biss huma inaċċettabbli u ferm ċensurabbli imma li ċertament ma jgħinu proprju xejn *għar-riżoluzzjoni u determinazzjoni ta' dan l-*appell. Dan magħdud, il-Qorti filwaqt li twissi formalment lill-appellant u lid-difensuri tiegħu, tordna li l-kliem kollu li ġie interlineat bl-aħmar mill-Qorti jiġi, a kariku tar-Reġistratur, mħassar mill-imsemmi rikors ta' appell u dan in aġġunta ta' kliem ieħor ġà kkanċellat għall-istess raġuni;

L-appellant qiegħed *jillanja minn seba' aggravji li xi uħud*

minnhom huma konnessi ma' xulxin, oħrajn b'argumenti ripetuti. F'kull każ ikun dejjem opportun - minn punto di vista ta' pratticità proċedurali - li jiġi l-ewwel investit it-tieni aggravju *li qiegħed jattakka l-validità tal-mozzjoni biex il-*konvenuti appellanti jidhru għas-smigħ tal-kawża. Dan il-għaliex kemm-il darba jirnexxi dan l-aggravju, allura, jkun ifisser li dak kollu li sar kien null, kompriża s-sentenza li ngħatat, mertu ta' dan *l*-appell;

M'hemmx dubbju li l-mozzjoni - ara dok. CC1, fol. 8 tal-proċess (kopja *annessa mar-rikors* ta' *appell*) kienet turi u tiderigi lill-konvenuti biex fid-data msemmija huma jidhru "fl-Awla X" quddiem l-Onor. Imħallef Frank G. Camilleri LL.D. Illi huwa risaput li ebda awla fil-Qrati Superjuri ma hija *indikata bl-ittra* X. *Konsegwentement, għalkemm ġie indikat* isem il-ġudikant, xorta waħda jirriżulta li l-indikazzjoni ta' l-awla fejn suppost kellhom jidhru l-konvenuti kienet waħda manifestament żbaljata għaliex ineżistenti. Dan id-difett ta' forma fl-avviż għas-smigħ tal-kawża jassumi gravità akbar trattandosi ta' proċedura speċjali a tenur ta' l-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fejn il-proċedura tista', fil-każi kongruwi, titmexxa bid-dispensa tas-smigħ normali tal-kawża - kif effettivament ġara f'dan il-każ. Illi għalhekk, ma jistax jingħad li l-konvenuti ingħatalhom smigħ xieraq għaliex it-tagħrif fil-mozzjoni surreferita kien żbaljat u dan l-iżball kien biżżejjed biex jirrendi l-proċedura kollha relattiva nulla u bla effett legali;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi filwaqt li tilqa' t-tieni aggravju tal-konvenuti appellanti u tiddikjara għalhekk is-sentenza appellata bħala *waħda mulla u kwindi qiegħda tirrevoka billi tannulla s-*sentenza appellata bħala waħda nulla u kwindi qiegħda

tirrevoka billi tannulla s-*sentenza* appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet premessi fid-29 ta' Mejju, 1996 u għalhekk tirrimetti mill-ġdid l-atti tal-kawżi quddiem l-Ewwel Qorti a kariku tar-Reġistratur biex din tkun tista' tisma' u tiddeċidi l-kawża mill-ġdid skond il-liġi. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku ta' l-atturi appellati.

---